FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

25 ta' Mejju 2011

## Minuti tal-Laqgha Straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana

Is-Sindku sejjah il-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana li nzammet **nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju 2011 fil-16:00.**

Il-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana nzammet b'din l-agenda:-

1. Approvazzjoni tar-Rapport Finanazjarju tal-Awditur ghas-sena finanzjarja li taghlaq fil-31 ta' Dicembru 2010.

Ghal-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat.

## Bidu tal-laqgha:

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tal-Awditur ghas-sena finanzjarja li taghlaq fit-31 ta' Dicembru 2010.

1.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lis-Segretarju Ezekuttiv iressaq ir-Rapport Finanzjarju ghas-sena finanzjarja li taghlaq fit-31 ta' Dicembru 2010 awditjat mill-Awditur assenjat mill-Ufficcju tal-Awditur Generalii, ghall-approvazzjoni tal-Kunsill li gie iccirkolat mal-avviz tal-laqgha.

1.2 Wara li gie evalwat u diskuss dan ir-rapport, tressqet mozzjoni mill-Vici-Sindku Franco Davies u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg biex dan ir-rapport finanzjarju jigi approvat.

1.3 Ittiehed vot favur il-mozzjoni, bir-rizultat kien:
Favur: 5 (NH, FD, ET, VB, SSH)
Kontra: 0

1.4 Ir-rapport finanzjarju ghas-sena finanzjarja 2010 awdijtat mill-Awditur gie unanimament approvat u ghaldaqstant jista' jintbaghat lill-Awditur Generali.

1.5 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Awditur ghad jonqsu jibghat l-Ittra ta' Direzzjoni li flimkien mar-risposta irid jigu diskussi u approvati fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

## TMIEM IL-LAQGHA

Il-laqgha ntemmet fil-16.45

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |